32001L0063

23.8.2001 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 227/41

# ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2001/63/KE

## tas-17 ta' Awissu 2001

## li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri kontra l-emissjoni ta' inkwinanti ta' gass u partikulati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 97/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li tirrigwardja l-miżuri kontra l-emissjoni ta' inkwinanti ta' gass u l-partikulati minn magni ta' *compression ignition* li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq ([1]), u partikolarment l-Artikolu 14 tagħha,

Billi:

(1) Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 96 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa (ECE) dwar l-emissjonijiet minn magni *compression ignition* li għandhom ikunu insallati fuq *tractors* għall-agrikoltura u għall-foresterija ġie estiż sabiex ikopri wkoll tipi oħrajn ta' makkinarju mobbli mhux tat-triq.

(2) Il-Komunità Ewropea hija parti kontraenti ta' l-imsemmi Regolament ECE.

(3) Huwa meħtieġ li jkunu mqabbla l-ħtiġiet tekniċi f'dan ir-Regolament mal-ħtiġiet korrisspondenti fid-Direttiva 97/68/KE.

(4) Il-miżuri li hemm disposizzjoni għalihom f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattazzjoni tal-Progress Tekniku stabbilit bid-Direttiva tal-Kunsill 92/53/KEE ([2]).

(5) Id-Direttiva 97/68/KE għandha tkun emendatat kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Annessi III u IV tad-Direttiva 97/68/KE huma b'dan emendati bi qbil mal-Annessi ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

Din id-Direttiva m'għandhiex tinvalida xi approvazzjoni mogħtija qabel id-data msemmija fl-Artikolu 3 permezz tad-Direttiva 97/68/KE u l-anqas ma tipprevjeni l-estenzjonijiet għal approvazzjonijiet bħal dawk permezz tat-termini tad-Direttiva li permezz tagħhom dawn kienu oriġinalment mogħtija.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sat-30 ta' Ġunju 2002 l-aktar tard. Huma għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkompanjati b'referenza bħal din fl-okkażżjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif referenza bħal din għandha ssir.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-20 jum li jiġi wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Awissu 2001.

*Għall-Kummissjoni*

Margot WALLSTRÖM

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 59, tas-27.2.1998, p. 1.
([2]) ĠU L 225, ta' l-10.8.1992, p. 1.

*ANNESS*

**Emendi għall-Annessi III u IV tad-Direttiva 97/68/KE**

1. L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 2.2.2, il-formula għandha tkun mibdula b'dan li ġej:$0{,}96 \leq f_a \leq = 1{,}06$

(2) fl-Appendiċi 2, il-paragrafu 1.2.1, it-tielet inċiż "CO"għandu jkun mibdul bi "$CO_2$";

(3) fl-Appendiċi 2, il-paragrafu 1.9.2.2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1.9.2.2. Verifika tat-tnaqqis ta' l-ilma

Din il-verifika tapplika biss għal kejl tal-konċentrazzjoni ta' gass imxarrab. Il-kalkolazzjoni tat-tnaqqis ta' l-ilma għandha tqis it-trattib tal-firxa tal-gass NO bil-fwar ta' l-ilma u l-iskalar tal-konċentrazzjoni tal-fwar ta' l-ilma tat-taħlita lejn dak mistenni matul it-testijiet. Il-firxa tal-gass NO li jkollha konċentrazzjoni ta' 80 sa 100 % ta' skala sħiħa fil-medda normali ta' l-operat tagħha għandha tkun mgħoddija bħala bżieżaq minn il-(H)CLD u il-valur NO irrekordjat bħala D. Il-gass NO għandu mbagħad ikun imbaqbaq minn ġo l-ilma f'temperatura tal-kamra u mgħoddi mill-(H)CLD u l-valur HO irrekordjat bħala C. It-temperatura ta' l-ilma għandha tkun iddeterminata u rrekordjata bħala F. Il-pressa tat-taħlita mimlija fil-fwar li tkun tikkorrespondi għat-temperatura ta' l-ilma fl-apparat li jagħmel il-bżieżaq (F) għandha tkun iddeterminata u rrekorjata bħala G. Il-konċentrazzjoni tal-fwar ta' l-ilma (fi %) tat-taħlita għandha tkun ikkalkolata kif ġej:

$$H = 100 \times \left( \frac{G}{P_B} \right)$$

u rrekordjata bħala H. Il-mistennija firxa tal-gass NO imrattab f'konċentrazzjoni (fil-fwar ta' l-ilma) għandha tkun ikkalkolata kif ġej:

$$De = D \times \left( 1 - \frac{H}{100} \right)$$

u rrekordjata bħala De. Għall-*exhaust* tad-diesel, il-konċentrazzjoni massima tal-fwar ta' l-ilma fl-exhaust (fi %) mistennija ma tul it-testijiet għandha tkun ikkalkolata, fuq l-ipoteżi tar-razzjon atomiku H/C tal-karburanti ta' 1,8 sa 1, mill-konċentrazzjoni massima $CO_2$ fil-gass ta' l-*exhaust* jew mill-konċentrazzjoni tal-firxa tal-gass $CO_2$ mhux imrattab (A, kif imkejjla fis-sezzjoni 1.9.2.1) kif ġej:

$$Hm = 0{,}9 \times A$$

u rrekorjata bħala Hm.

It-tnaqqis ta' l-ilma għandu jkun ikkalkolat kif ġej:

$$\% H_2O\ Quench = 100 \times \left( \frac{De - C}{De} \right) \times \left( \frac{Hm}{H} \right)$$

u m'għandux ikun akbar minn 3 % tal-iskala sħiħa.

De: il-konċentrazzjoni mistennija tal-NO imrattba (ppm)

C: il-konċentrazzjoni NO imrattba (ppm)

Hm: il-konċentrazzjoni massima tal-fwar ta' l-ilma (%)

H: il-konċentrazzjoni attwali tal-fwar ta' l-ilma (%)

*NB*: Huwa mportanti li għal din il-verifika il-firxa tal-gass NO ikun fiha konċentrazzjoni minima tal-NO2, la darba t-telfin tal-NO2 fl-ilma ma jkunx ġie kkalkolat fil-kalkolazzjoni tat-tnaqqis."

(4) fl-appendiċi 3, il-paragrafu 1.4.4, it-tieni formula għall-isfond tal-korrezzjoni għat-tnixxija tal-massa tal-partikulati minn filtru singolu hija mħassra u l-ewwel formula hija emendata kif ġej;

$$PT_{mass} = \left[ \frac{M_f}{M_{SAM}} - \left( \frac{M_d}{M_{DIL}} \times \left( \sum_{i=1}^{i=n} \left( 1 - \frac{1}{DF_i} \right) \times WF_i \right) \right) \right] \times \frac{\overline{G_{EDFW}}}{1\,000}$$

2. l-Anness IV huwa emendat kif ġej:

(1) it-tabella, it-tieni kolonna, il-linja 17 (il-linja "Newtralizzazzjoni (aċidu qawwi) numru") hija mibdula b'dan li ġej:

"'Massimu 0,20 mg KOH/g'."

(2) In-nota 9, it-tieni sentenza hija mibdula b"dan li ġej:

**"Għall-iskopijiet ta' l-approvazzjoni inizjali ta' magna bl-ebda trattament tal-gass ta' l-*exhaust* fuq talba ta' l-applikant, massa 0.05 % ta' livell nominali tal-kubrit (massa minima 0,03 %) hija permissibbli, f'liema każ il-livell imkejjel tal-partikolati għandu jkun ikkoreġut il-fuq lejn il-valur medju li huwa nominalment speċifikat għall-kontenut tal-kubrit fil-karburanti (massa 0,15 %) skond l-ekwazzjoni ta' hawn taħt:".**